# Il-Pulptu tal-Knisja Tagħna ... 300 sena fostna 1708 - 2008

*Antoine Borg*



Fil-Knisja Arċi-Matriċi u Arċipretali ta' San Ġorġ M.M., hija mogħniha bosta teżori u b'dak kollu li titlob Parroċċa antika ta' aktar minn 600 sena. F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn il-Pulptu tal-Knisja tagħna.
Sa mill-eqdem żminijiet il-Knisja kienet ixxandar il-Kelma t'Alla lill-komunità fl-ogħla post tat-Tempju, biex il-predikatur jidher tajjeb. Fl-istess ħin jinstema' tajjeb u dan kien kollu jsir minn fuq il-Pulptu. Ovvjament iż-żminijiet u l-użanzi jinbidlu, għaliex dawn l-aħħar snin beda jintuża l-*ambone* u aktar tard bis-sistema tal-*microphones.*

**Valur Storiku -**
Il-Pulptu li naraw illum, fil-knisja tagħna, din is-sena 2008 bħalma aċċennajt fil-bidu jinsab f'wieħed mill-pilastri ta' taħt il-Koppla, ser jagħlaq 300 sena.
Sar fl-1708 bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Silvestru Desira u jissemma mill-Isqof Mons. Davide Cocco Palmieri fil-Visti Pastorali tiegħu f'Ħal Qormi.

**Valur Estetiku -**
Wieħed jista' jifli l-preċiżjoni tax-xogħol li fih fl-Ordni Joniku tal-pilastri, l-gwarniċar u l-ornament spjegat li jixraq mal-Knisja. Ma rridux ninsew dawk in-niċeċ bl-istatwetti ddetaljati li jirrappreżentaw l-erba' Evanġelisti u Kristu Salvatur f'nofshom. It-taraġ forma nofs tond li bih titla' f'dan il-pulptu; hemm erba' mensoli skolpiti fl-injam li jerfgħuh u f'nofshom hemm arzella ndurata. Iċ-ċelu fejn hemm ix-xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu bid-dija mdawra miegħu hi ndurata bid-deheb u fuq jingħalaq b'erba' mensoli forma ta' kuruna b'żewġ uċuħ tal-puttini kif ukoll salib.

**Valur Folkloristiku –**

- Min jaf kemm 'l Abbati tela' biex jagħmel il-Priedka fuq il-Bambin fil-Vġili tal-Milied Mqaddes?
- Min jaf kemm-il darba dan il-pulptu serva ta' armar biex jintrama dak il-ġmiel ta' Kurċifiss tal-Vara l-Kbira ?
- Min jaf kemm il-passata verniċ ingħata kull meta toqrob il-Festa ?
- Min jaf kemm-il Paniġerista tela' fuq dan il-Pulptu, biex jinsġu Kuruna ta' tifħir, wiċċ imb'wiċċ max-xbieha Illustri tal-Megalo Martri San Ġorġ?

**Apprezzament –**
Għandna għalfejn inkunu grati lejn dawk il-qalbiena missirijietna, li ħallewlna din l-opra kbira mhux biss fid-daqs imma fl-istorja u l-mod artistiku li ġie maħdum. Żgur li dan il-pulptu jekk mhux l-iktar wieħed bikri f'pajjiżna, iżda huwa wieħed minn tal-bidu.
Dan il-kliem qed ngħidu mhux f'sens ta' patrijottiżmu imma x'jgħidu l-fatti għaliex f'diversi parroċċi oħrajn, il-pulptu jaf ikun inqered bil-gwerra jew inbidel biex floku jkun sar ieħor ġdid u ħafna raġunijiet oħra, nfatti ftit li xejn issibu l-pulptu fil-knejjes moderni tal-lum.

**Appell :- Naturalment iż-żmien qed jitgerbeb u bħal kull ħaġ' oħra l-pulptu tal-knisja tagħna għandu ħafna ħsara u wasal għal dawra tajba wkoll. Nappella biex il-quddiem dan il-Pulptu jiġi rrestawrat u kkonservat kif jixraq minn id esperta, ħalli jibqa' rrispettat l-istil u d-dehra awtentika tiegħu.**

